# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Rikors Numru 273/2021 TA**

**Mapfre MiddleSea PLC (C5553)**

**Vs**

**City Sightseeing Malta Limited (C73687)**
**Charles D'Amato (ID180993M)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Dr. Juliette Galea nomine (ir-rikorrenti) tal-20 ta' Diċembru 2021.

Rat ir-risposta tas-Soċjeta Mapfre Middlesea Plc (is-Soċjeta' Mapfre) tal-11 ta' Jannar 2022.

Rat ir-risposta tas-Soċjeta' Sightseeing Malta Limited(is-Soċjeta' Sightseeing) tal-2 ta' Frar 2022.

Rat l-atti u dokumenti kollha.

Semgħet lill-abbli difensuri tal-partijiet jittrattaw ir-rikors.

Rat li r-rikors tħalla għall-lum għal digriet fil-miftuħ.

**Ikkunsidrat:**

Ir-rikorrenti qiegħdin jitolbu li jingħataw il-permess li jintervjenu f'din il-Kawża. L-Istitut tal-intervent f`kawża *in statu et terminis* huwa regolat fil-liġi tagħna bl-Art 960 tal-Kap 12 li jiddisponi hekk :-

"*Kull min juri b'sodisfazzjoni tal-Qorti, li huwa ghandu interess f'kawza li tkun miexja bejn partijiet ohra, jista' fuq rikors, jigi mdahhal in statu et terminis, bhala parti fil-kawza, f'kull waqt taghha, sew fil-Qorti ta' l-ewwel grad kemm fil-Qorti fi grad ta' Appell ; izda dan l-intervent fil-kawza ma jwaqqafx il-proceduri taghha*."

Minn dan l-artikolu huwa ċar li l-liġi tagħti fakolta` lil xi parti, li għandha interess, kif spjegat aktar 'l isfel, tiddaħħal f`kawża li tkun għaddejja bejn partijiet oħra.Tingħata għalhekk, il-possibilita` li tkun ammessa – talba li tista' issir anke fl-istadju tal-appell – illi tipparteċipa b'mod attiv f'kawża bejn il-partijiet l-oħra. Di fatti, din il-Qorti kellha okkażżjoni biex tispjega, li dan l-Istitut huwa maħsub biss **fejn ikun hemm Kawża** bil-mod kif imfisser f'artikolu 154 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta. Fi proċeduri oħrajn, bħal fil-każ ta' proċedura ta' mandat ta' inibizzjoni dan l-Istitut ma hux ammess (Ara **Digriet tal-5 ta' Jannar, 2021 Rikors Numru 1751/2020TA, Il-Malta Association of Professional Engineers [MAPE] – Trade Union -vs- Il-Bord tal-Professjoni tal-Inġinerija et**).

Il-Qorti tissenjala l-ħtieġa ta' żewġ rekwiżti partikolari sabiex xi parti tkun tista' tipprevali ruħha minn dan id-dritt ta' intervent:

Fl-ewwel lok, l-"interess" u fit-tieni lok, li l-Qorti tkun sodisfatta li dan l-interess jiġi sodisfatt ġuridikament u mhux fis-sens wisgħa tal-kelma. Sakemm li l-

proċediment ikun kawża, il-liġi ma tiddistingwi bejn ix-xorta jew indole ta` kawżi sabiex issir talba għal intervent in *statu et terminis.*

Dak li l-liġi tesiġi huwa li l-parti li tagħmel it-talba jkollha tassew dak interess teknikament ġuridiku sabiex tkun tista' tintervjeni.

Il-**Mortara fil-Commentario del Codice e delle Leggi di Procedura Civile (1923 – Vol III – pag 256)** jgħid hekk :

"… *puo' trovarsi ad avere interesse nella lite sotto varii aspetti e perfino a poterne temere un gravame di fatto e indiretto, qualora il risultato finale di essa, pur non alternando la di lui situazione giuridica, minacciasse di rendere difficile il godimento delle utilita` che vi sono inerenti, od anche diminuirlo effettivamente, sovente la legge inesorabile del fatto compiuto e' piu` forte delle teorie astratte le quali proclamano la innocuita` della cosa giudicata inter alios.*"

Awturi oħrajn ikomplu jispjegaw li "*La ragione pratica dell' istituto e' data dalla interdipendenza delle posizioni giuridiche e dei rapporti giuridici, sebbene i terzi non possono essere pregiudicati dalla sentenza pronunciata tra altri (res inter alios acta tertio neque nocent neque prodest) la loro posizione giuridica, o i rapporti giuridici di cui sono titolari, possono in vario modo subire delle conseguenze indirette dalla sentenza altrui, cio` che determina di un processo in cui non sono parti, o all'esito del medesimo.*"(**Enrico Tullio Liebman fil-pag 151 tal-"Manuale di Dir. Proc. Civile" – 1957**).

Il-Qrati tagħna dejjem taw interpretazzjoni liberali . Fis-**Sentenza li ta fl-ismijiet Stepton -vs- Spiteri" deċiża fit-23 ta` Novembru 1898**, intqal hekk:

*“E` stato ritenuto che, nel linguaggio della Procedura, e’ terzo una persona materialmente estranea al giudizio fra altri pendente, e se viene chiaramente dimostrato che questo terzo ha un interesse qualunque, purche` sostanziale, sia personale che reale, e non derivativo nell’esito del giudizio che si agita fra altri, egli ha il diritto di intervenirvi, e puo` essere chiamato a prenderne parte … “L` istituto dell’intervento in causa, sia volontario, sia coattivo, e` basato sulla speditezza e semplicita` dei giudizi, essendo giustamente ritenuto molto utile il decidere la questione in presenza di quelli che vi hanno interesse, sviluppandosi meglio, in tal modo, le rispettive ragioni dei contendenti, ed evitando cosi` molteplicita` di giudizi inutili e spese considerevoli ai medesimi.”*

Għalhekk l-interess li tinneċessita’ l-liġi sabiex persuna tkun f’posizzjoni li tintervjeni f`kawża li tkun għaddejja bejn ħaddieħor, irid ikun sostanzjali u dirett fil-kawża, mhux sempliċement interess fl-eżitu. Dan ifisser li biex tirnexxi talba għall-intervent *in status et terminis* f`kawża, l-iskop għandu jkun sabiex il-parti li tkun qed titlobha tipproteġi l-interessi tagħha f`dik il-kawża partikolari u mhux f`kawża jew f`kawżi oħra li talvolta jistgħu jiġu intavolati.

Il-Qorti fliet sewwa l-vertenza li għandha quddiemha u fid-dawl ta’ dak fuq spjegat, mingħajr eżitazzjoni ssib li r-rikorrenti għandhom dak l-interess ġuridiku li trid il-liġi biex jitħallew jintervjenu in status et terminis. Ikkunsidrat ukoll li din il-Kawża għadha fi stadju bikri tal-ġbir tal-provi. Għalhekk, jmiss li jkun ikkunsidrat x’tip ta’ intervent għandha quddiemha din il-Qorti u x’mezzi għadha tippermetti lill-intervenuti biex ikunu jistgħu jipparteċipaw attivament f’dawn il-proċeduri.

Jibda biex jingħad l-istitut tal-intervent fil-kawża huwa maħsub sabiex dak li jkun mhux biss iħares l-interess tiegħu b'ħeffa, iżda ukoll li jelimina l-possibilta' ta' pluralita' ta' Kawżi. Dan l-intervent jista' jsir, mhux biss fl-interess ta' xi parti waħda u ċioe *ad adiuvandum*, iżda saħansitra kontra l-interess ta' kull waħda minnhom u cioe' *ad excludendum* (Ara **Sentenza tal-P.A tat- 30.11.1922 fl-ismijiet Paċe Axiak et -vs- Lapira et (Kollez. Vol: XXV.ii.208**).

Il-Qorti tfakkar li għadhom jinżammu distinti l-intervent volontarju (*in status et terminis*) mill-intervent koatt ossia kjamat fil-Kawża. Fil-każ tal-aħħar, il-kjamat ikun għall-finijiet kollha, parti sħiħa fil-kawża, daqs li kieku kienet parti għaliha sa mill-bidu nett. Dan juri wkoll għaliex l-ispirtu wara l-intervent volontarju fil-kawża, huwa dak li l-Qorti tkun tista' ssib is-sewwa kollu dwar il-jedd kontestat fil-kawża mressqa quddiemha. Sa ċertu punt dan l-Istitut huwa ukoll mezz sabiex il-Qorti tagħmel ġustizzja sħiħa, mhux biss ma dawk li jkunu fil-ġudizzju, iżda ukoll ma dawk li jistgħu ikunu effettwati minnu għalkemm mhux parti oriġinali għall-Kawża. F'dan is-sens, Istitut li jagħti estensjoni lis-sens ta' ġustizzja.

Jekk l-intervent ikunx wieħed *ad adiuvandum* jew *ad eskludendum* jagħmel differenza għal din il-Qorti, għaliex, tenut kont taċ-ċirkostanzi tal-każ, jista' jirrifletti fuq ix-xorta ta' mezzi li ser ikunu permessi biex l-intervenut ikun jista' jeżerċita d-drittijiet tiegħu. Il-Qorti hija ampjament konsapevoli, li fir-rigward ta' dan l-Istitut, kuntrarjament għal dak tal-kjamat in kawża, l-interpretazzjoni tal-Qrati ma hiex daqstant uniformi jekk mhux ukoll kultant konfliġġenti. L-ermenawtika sentenzjali nostrana ma hiex unformi dwar jekk intervenut, li la

jista' jkun kkundannat u l-anqas illiberat, għandhux ikollu l-istess drittijiet tal-kjamat in kawża, fost oħrajn li jippreżenta nota' ta' eċċezzjonijiet.

Il-Qorti eżaminat sewwa t-tip ta' intervent li qiegħed jintalab fil-każ mil-persuni kollha li qiegħdin jintervjenu, kif diversament patroċinati anke b'rikorsi separati. Kollha kemm huma qiegħdin fost oħrajn jissollevaw il-punt proċedurali ta' ordni pubbliku, li din il-Qorti ma għandiex ġuisdizzjoni biex tisma' u taqta' il-vertenza tal-partijiet oriġinali għal dawn il-proċeduri ( ara a' fol 774, 779 u 785). F'dan il-każ, l-intervent qed ikun mitlub ma hux wieħed biex jgħinu lil xi parti (*ad aduivandum*), iżda biex ad dirittura jwaqqfu l-proċeduri kollha (*ad eskludendum*) fost oħrajn minħabba li din il-Qorti ma għandiex ġurisdizzjoni.

Il-liġi tal-proċedura taljana, artiklu 105, jipprovdi għall-Istitu konsimili għal tagħna. Inkwantu dan it-tip ta' intervent il-Qorti ta' Kassazzjoni taljana tgħallem li "*Ai sensi dell'art 105 c.pc sono tre le forme di intervento volontario in casua. L'interevento principale (ed escludendum) con quale l-interveniente fa valere nel gudizio pendente una pretesa autonoma, relativa all'oggetto o dipendente dal titolo dedottonel processo, <u>incompatibile con quella di tutte le originarie parti al gudizio</u>*" (Emfażi tal-Qorti. **Ara Corte Di Cassazione Ordinanza 18 Marzo 2021, No 7629**).

Fiċ-ċirkostanzi li għandha quddiemha, il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni ta' dawn il-fatturi.

1. Li l-kawża għadha fi stadju bikri tagħha.

2. Li l-intervent huwa wieħed *ad escludendum* u mhux maħsub biex jgħin xi parti.
3. Li ma hemm ebda dubbju, li l-partiijiet li qed jitolbu l-intervent għandhom interess direttissimu fil-mertu ta' dawn il-proċeduri.
4. Li fil-każ ta' xi uħud, diġa' hemm pendenti kawża dwar mertu tas-sinistru inkwistjoni, tant li dawn il-proċeduri twieldu minn dawk li għaddejjin l-Ingilterra, provokati kif kienu minn intervent ta' terz u fuq fost oħrajn il-vertenza li għadha quddiemha din il-Qorti
5. Finalment, li kienet din l-istess Qorti li ħasset li ġġib a konjizzjoni dawn il-proċeduri a' konjizzjoni tal-persuni li qed jitolbu li jintervjenu minħabba l-interess manifest tagħhom fil-mertu.

Din il-Qorti hija tal-fehma li mhux kull ċirkostanza, fejn jitħalla li jsir intervent, bilfors jeżisti d-dritt li dak li jkun jingħata l-fakulta' li jressaq eċċezzjonijiet. Din il-Qorti temmen, li d-dritt tal-intervent ivarja, bejn li dak li jkun jingħata d-dritt li jippreżenta nota ta' eċċezzjonijiet jew sempliċiment il-fakolta' ta' nota ta' osservazzjoniet qabel ma Kawża titħalla għas-Sentenza (Ara **Digriet fl-atti tas-Sentenza Prim Awla tat-3 ta' Gunju, 2019 Numru Jack Chircop Limited -vs- Andrews Feeds (Malta) Limited et**).

Waqt it-trattazzjoni ġie saħansitra argumentat, li l-perusni li qed jitolbu li jintervjenu għandhom ikollhom biss il-fakulta' li jipparteċipaw billi jekk iridu anke jressqu xhieda. Kieku dan kellu jkun il-każ, il-partijiet oriġinal żgur li ser isibu rwieħhom fi svantaġġ prodeċurali, għaliex fil-waqt li huma rigorosoment marbutin bil-lista tax-xhieda tassattivament rikjesta minn artikolu 155 tal-Kap

tal-liġijiet, l-intervenut, li ma jkunx għamel nota ta' eċċezzjonijiet, iżda għandu l-lussu li jressaq lil min irid ġaldarba mhux ser ikun marbut b'lista ta' xhieda.

L-anqas huwa l-każ, kif ġie argumentat, li f'dan il-każ ikun irid jagħmel talba lill-Qorti biex irressaq xi xhud, għaliex artikolu 156(7) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta jipprevedi, li talba bħal din tista' issir meta ix-xhud ikun inqala' **wara** li tkun bdiet il-Kawża formalment. Dan l-artikolu jindirizza lill-Attur, lill-konvenut jew lill-kjamat in kawża imma ċertament mhux lill-intervenut li jkun daħal fil-Kawża bis-saħħa ta' artikolu 960 tal-Kap tal-Liġijiet ta' Malta jekk dan ma jkunx tħalla li jagħmel nota ta' eċċezzjonijiet. Dawn il-Qrati kemm-il darba sostnew li l-intervenut fil-kawża għandu dritt li jressaq il-provi (Ara Sentenza tal-**Qorti tal-Appell tat-2 ta' Diċembru 2005 fl-ismijiet Mark Micallef -vs- Kontrollur tad-Dwana et** u **Constantino sive Lino Grech et v. Onor. Nutar Dr. Alex Sciberras Trigona et Qorti ta' l-Appell, 20 ta' Frar 1996**). Skont din il-Qorti dan id-dritt pero' għandu jkun kwalifikat sakemm il-Kawża ma tkunx daqshekk fi stat inoltrat li waslet għas-Sentenza. Imma, jekk fil-każijiet l-oħra għandu d-dritt li jressaq il-provi, dan għandu jsir b'mod ordnat u skont il-proċedura. Dan jista' jsir biss bis-saħħa ta' nota ta' eċċezzjonijiet bilmod kif jiddisponi l-artikolu 158 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta.

Għalhekkk wara li din il-Qorti qieset ix-xorta ta' intervent li qiegħed jintalab u ċ-ċirkostanzi kollha partikolari tal-każ, hija tal-fehma li t-talbiet tar-rikorrent għandhom jintlaqgħu. Tipprovdi ukoll, li ġaladarba li dan id-digriet qiegħed jingħata fil-miftuħ, l-għoxrin ġurnata għall-preżentata ta' risposta ġuramentata ossia nota ta' eċċezzjonijiet jibdew jgħaddu mill-lum.

Għaldaqstant il-Qorti qiegħda tilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti u tipprefiġġilhom għoxrin ġurnata mill-lum biex jippreżentaw risposta ġuramentata ossia nota ta’ eċċezzjonijiet.

**Imħallef Toni Abela**